**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 47 - IT-TLIETA 17 TA' FRAR 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-8:25pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier (Wasal fit-20:35) |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Glenn Fenech | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

## 1. IL-PROĠETT TA' TRIQ IL-KBIRA

1.1. Il-Kunsill stieden lill-Perit Pierre Poulton biex jispjega dwar il-proġett propost għal Triq il-Kbira. Il-Perit spjega li, qabel ma jkunu ppjanati d-dettalji tal-proġett, kien meħtieġ kordinament sħiħ mal-entitajiet involuti.

1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġurnata qabel kien sejjaħ laqgħa ta' kordinazzjoni mal-entitajiet biex jispjegaw x'servizz għandhom għaddejjin mit-triq. Għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll il-Perit. L-entitajiet kien wegħdu li se jibagħtu d-dettalji fi żmien ġimgħa.

1.3. Il-Perit kompla jispjega li kienu meħtieġa ħafna li jkunu stabbiliti l-livelli tad-drenaġġ u tal-GO. Għalkemm xi ħaġa li tista' ssir, il-Kunsill għandu jkun konxju li s-sitwazzjoni mhux waħda faċli għaliex hemm ammont ta' djar viċin xulxin u għaliex hemm ħafna wajers jaqsmu t-triq u mal-faċċati. Huwa meħtieġ li jkun hemm kollaborazzjoni mir-residenti kollha għaliex jekk ma jikkollaborawx il-proġett ikollu ħafna skossi. Dan l-aktar għaliex is-servizzi jridu jidħlu kollha fid-djar minn taħt l-art bil-konsegwenza li jkun meħtieġ xi xogħol minn ġewwa d-djar.

1.4. Il-Perit semma li l-ħsieb kien li l-kaptelli jitnaqqsu kemm jista' jkun u li tinstab sistema li jkunu b'saħħithom iżda li jkunu maniġġabbli u li jixirqu.

1.5. Is-SE semma li l-Kunsill huwa meħtieġ li jieħu deċiżjoni definita rigward il-wiċċ li jixtieq jagħmel lit-triq għaliex dan jiddetermina l-livell tal-bażi. Wara diskussjoni bl-involviment tal-Perit kien hemm qbil li jintagħżel tip ta' porfido li ntuża fil-*Waterfront* tal-Birgu.

1.6. Il-Perit semma li r-rappreżentant tad-Dipartiment tad-Drenaġġ informa li s-sistema hija tajba iżda jekk se titħaffer it-triq biex isir *service gutter* kif propost, żgur li s-sistema se jkollha tinbidel għaliex hija antika u li, għalkemm fil-preżent tajba, ma tiflaħx li tkun disturbata bi tħaffir. Dan kollu għandu jwassal biex it-triq titqatta' kollha b'mod sostanzjali. Huwa għalhekk li, wara li jkollu d-dettalji kollha meħtieġa mill-entitajiet, iħejji d-dettalji tal-offerti li jinkludu klawsoli ċari li, wara kull ġurnata xogħol isir l-iżbarazzar u t-tindif kollu biex it-triq tinfetaħ għat-traffiku kull filgħaxija.

1.7. Il-Perit informa lill-Kunsill ukoll li dan il-proġett huwa tali li jeħtieġ applikazzjoni lill-MEPA. Għaldaqstant kien mieħtieġ ukoll li tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill dwar l-għamara tat-triq u t-tip ta' dwal. Kien hemm qbil li l-Perit jiddiskuti mal-Inġinier tad-dawl dwar il-possibiltà ta' sistema tad-dawl fotovoltajka.

1.8. Il-Perit kien infurmat mill-Kunsillieri li għandu jaħseb għall-armar tal-festa u t-toqob li jkunu meħtieġa għaliex f'dik it-triq jintramaw it-trofej.

1.9. Il-Perit informa li kellu bżonn jikkummissjona *survey* dettaljat u għalhekk il-Kunsill qabel li dan isir.

1.10. Il-Kunsill kien infurmat li l-prezz sakemm saru l-istimi sa issa, eskluż l-għamara tat-triq u xogħol ta' servizzi, kien ilaħħaq il-€170,000.

1.11. Finalment kien hemm qbil li għandhom isiru disinni, inklużi dawk 3D, u wara ssir konsultazzjoni mar-residenti. Il-Perit għandu jikkonsulta mal-MEPA biex jieħu l-ewwel reazzjoni tagħhom qabel ma jissottometti l-applikazzjoni proprja.

1.12. Is-Sindku irringrazzjat lill-Perit tal-assistenza tiegħu filwaqt li ħalla l-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-Viċi Sindku proponiet emenda f'2.11. Il-Kunsill laqa' l-emenda u għalhekk inqatgħu l-kliem 'id-dar tagħha.' u minflok iddaħħlu l-kliem 'it-terminus tal-karozzi tal-linja.'

2.3. Il-Minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

2.4. Dwar para. 1.8 il-Viċi Sindku staqsiet jekk hux qed tingħata pubbliċità lill-attività tal-Karnival. Is-SE informa li dik il-Ġimgħa stess se jkun imqassam il-Kuntatt li fih hemm ir-reklam prominenti għaliha.

2.5. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar para. 2.1 dwar allegat ħsara fil-bankina wara li sar żvilupp. Is-SE wera ritratti tal-post u spjega li l-bankina fil-fatt saret mill-ġdid mill-iżviluppatur.

2.6. Il-Viċi Sindku rrimarkat li l-attività tal-Karnival kienet se ssir kmieni wisq. Is-SE informa li huwa kien mitlub mis-Sindku biex javvanza l-ħin filwaqt li sadanittant kien diġà kommess mal-kumpanija bil-ħin ta' siegħa u nofs divertiment.

2.7. Dwar para. 2.3 is-SE informa li kien mitlub mis-Sur Chris Muscat biex il-Kunsill jesprimi l-ħsibijiet tiegħu għat-tip ta' mużika u l-post fejn se ssir l-attività. Huwa kien qiegħed jipproponi mużika sagra speċjalment minħabba li se jkun żmien l-Għid u bħala kor mhux se jkollhom ħin biżżejjed biex jippreparaw repertorju ġdid. Il-Kunsill qabel li jkun hemm mużika sagra filwaqt li possibilment l-attività ssir fil-Knisja Arċipretali.

2.8. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar para. 4.1 fejn is-SE informa li l-uffiċċju kien issottometta l-applikazzjoni wara laqgħa u kordinazzjoni mal-Kunsillieri Noel Gatt u Glenn Fenech.

2.9. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar para. 7.3 dwar l-*accountant*. Is-SE informa li s-Sur Chircop beda joffri s-servizzi tiegħu lill-Kunsill.

2.10. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar para. 10.4 fejn is-SE wieġeb li kienet saret it-talba formali lill-ADT.

2.11. Dwar para. 6.2 is-Sindku infurmat li ma taqbilx li ssir l-attività f'April għax ma tħossx li għandhom jinbidlu programmi tal-attivitajiet sempliċiment għax ġejja d-delegazzjoni minn Mornago. Għalhekk kien hemm qbil li tinbidel id-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa ta' qabel u l-attività approvata għal April ma ssirx.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1. Il-Kunsillier Anthony Grech tkellem dwar it-Triq ta' Mezzi fejn spjega li ltaqa' mal-Perit Gordon Zammit tal-ADT li wegħdu li se jiftaħ il-fajl u jagħti risposta. Il-Perit se jiċċekkja wkoll jekk hemmx finanzi.

3.2. Il-Viċi Sindku tat informazzjoni dwar il-laqgħa li kienet organizzata bejn is-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Kumpanija Philips dwar bozoz li ma jaħlux ħafna enerġija. Huma kienu qed jipproponu l-użu ta' bozoz LED's.

3.3. Il-Viċi Sindku infurmat li kienet innutat ħmieġ fi Triq il-Għargħur u Triq San Pawl. Is-SE se jindaga.

3.4. Is-Sindku staqsiet lis-SE dwar il-laqgħa tal-Ġimgħa 20 ta' Frar. Huwa wieġeb li ma kellux informazzjoni filwaqt li l-laqgħa kienet imsejħa għas-Sindki. Il-Kunsillier Glenn Fenech ta informazzjoni dwar il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt fejn kien ġie espress il-ħsieb li mil-laqgħa tal-Ġimgħa ma kien se joħroġ xejn ta' benefiċċju jekk se jkun hemm il-Kunsilli Lokali kollha u għalhekk kien qiegħed jiġi ssuġġerit li tingħata spjega lil kull Kumitat Konġunt.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET

4.1. Is-SE informa li ma kellux il-lista imħejjija minħabba li l-*accountant* kien għadu qiegħed jiġbor id-dettalji biex kollox ikun fl-ordni. Il-Kunsill qabel li dawk il-kontijiet li m'hemmx problema dwarhom jistgħu jitħallsu.

4.2. Is-SE ippreżenta l-unika stima li kienet waslet għax-xiri ta' *doggy bins.* Din kienet mingħand SR Services għall-prezz totali ta' €3,451.50 għal 25 *bin*. Is-Sindku staqsiet jekk din hijiex biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġiet tal-proċeduri finanzjarji. Is-SE informa li t-talba għall-kwotazzjonijiet kienet ippublikata fuq il-ġurnal *The Malta Independent* u għalhekk il-Kunsill għamel dak li seta' biex jikseb il-kwotazzjonijiet. Għalhekk huwa deherlu li l-Kunsill qiegħed jimxi tajjeb u mar-regolamenti.

4.3. Is-SE ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill stimi mingħand Koptasin għall-immarkar ta' Triq Santa Marija, Triq l-Alfier u Triq il-Punent għall-prezz ta' €499.71 u għall-Pjazza Ġużè Muscat għall-prezz ta' €339.25. Il-Kunsill approva li jkun ordnat ix-xogħol.

## 5. TIBDIL TAL-ORDNI TAL-LAQGĦA

5.1. F'dan il-ħin il-Kunsill iddeċieda li jibdel l-ordni tal-laqgħa u għalhekk il-laqgħa segwiet l-ordni li ġejja.

## 6. IL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

6.1. Kien hemm qbil li l-Laqgħa tal-Lokalità ssir it-Tlieta 24 ta' Marzu 2009 fis-7:30pm.

6.2. Fuq proposta tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li meta tissemma l-attendenza għandha tissemma biss l-attendenza tal-laqgħat tal-Kunsill.

## 7. PUBBLIKAZZJONI TLIET SNIN ĦIDMA

7.1. Il-Kunsill qabel li għandha tkun ippreparata pubblikazzjoni li turi l-ħidma tal-Kunsill fl-aħħar tliet snin.

## 8. BYE LAW DWAR ĦMIEĠ TAŻ-ŻWIEMEL

8.1. Issejħu biex jassistu lill-Kunsill l-Avukat Dott. Malcolm Mifsud u l-Uffiċjal Awtorizzat is-Sur Ray Grima biex tkun diskussa l-possibbiltà ta' *Bye Law* dwar il-ħmieġ taż-żwiemel.

8.2. Mid-diskussjoni ħareġ ċar li m'hemm l-ebda liġi definita li tista' tgħin biex isir infurzar kontra sidien taż-żwiemel li jħammġu. Issemmew ukoll diversi suġġerimenti ta' reġistrazzjoni ta' żwiemel inkluż li kull min ikun riekeb żiemel jingħata numru li jrid ikun viżibbli.

8.3. Wara diskussjoni fit-tul kien hemm qbil li l-Avukat għandu jibgħat nota lill-Onor. Chris Said bil-ħsibijiet tal-Kunsill ħalli ma jkunx hemm ħela ta' ħin fi preparazzjoni ta' *Bye Law* meta xorta jista' jkun hemm il-possibiltà li tiġi miżmuma. Barra minn hekk il-Kunsill għandu jinstalla tabelli f'Baħar iċ-Ċagħaq ħalli ma jitħallewx jgħaddu żwiemel f'din iż-żona. Min-naħa tal-Gwardjani għandu jsir *test case* billi jekk jaraw xi żiemel iħammeġ iħarrku lis-sewwieq a bażi li jkun ħammeġ it-triq.

8.4. Is-Sindku rringrazzjat lil Dott. Mifsud u lis-Sur Grima għall-assistenza.

8.5. Il-Kunsillier Agius talab li jkun skużat mil-laqgħa. Il-ħin kien il-23:15.

## 9. TMIEM IL-LAQGĦA

9.1. Qabel ma l-laqgħa ġiet fi tmiemha l-Viċi Sindku semmiet li kellha informazzjoni dwar *dummy cameras* biex jintużaw bħala deterrent. Is-SE informa li kienet waslitlu informazzjoni pubbliċitarja dwar dan ukoll.

9.2. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fil-23:25 filwaqt li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 3 ta' Marzu, 2009

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv